**26 ta' Jannar, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Saviour Grech

**Riċettazzjoni - Dritt ta' Appell ta' l-Avukat Ġenerali**

*L-Avukat Ġenerali għandu dritt ta' appell dwar l-applikazzjoni tal-*proviso *ta' l-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali jekk l-appell ikun jirrigwarda l-interpretazzjoni ta' tali* proviso.

*Biex japplika l-*proviso *ta' l-artikolu 334, il-konsenja ta' l-oġġetti misruqa trid issir fiż-żmien stabbilit mil-liġi u qabel ma jibdew proċeduri kriminali.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza tat-2 ta' Settembru, 1994 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) sabet lill-imputat ħati li fit-12 ta' Jannar, 1994 f'Għawdex xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, liema serq huwa kwalifikat bil-valur, jew xjentement b'kull mod

ieħor indaħal biex ibigħ jew imexxi l-oġġetti misruqa u astjeniet milli tapplika l-piena relattiva u mill-kundanna tal-ħati għall-ħlas ta' l-ispejjeż tal-periti, liema kundanna ġiet mitluba mill-prosekuzzjoni;

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-Avukat Ġenerali talab li din il-Qorti tirriforma dik is-sentenza billi tikkonfermaha fejn sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tħassarha in kwantu applikat il-*proviso* ta' l-artikolu 344 (*recte* 334) tal-Kodiċi Kriminali u tgħaddi biex tinfliġġi l-piena li fix-xorta u fil-kobor tagħha tkun dik ikkontemplata mil-liġi għar-reat li tiegħu l-imputat appellat ġie misjub ħati;

Rat l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilita` tas-sentenza da parti ta' l-Avukat Ġenerali ssollevata mill-appellat;

Rat l-atti l-oħrajn u ttrattati dik l-eċċezzjoni u l-meritu ta' l-appell, tikkunsidra dwar l-imsemmija eċċezzjoni illi:

L-appell ta' l-Avukat Ġenerali jirrigwarda l-applikazzjoni mill-ewwel Qorti tal-*proviso* ta' l-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali. Dan il-*proviso* jiddisponi li l-ħati tad-delitt ta' riċettazzjoni, bħalma ġie misjub l-appellat fis-sentenza appellata, jiġi meħlus mill-piena kemm-il darba, qabel xejn ma tibda titmexxa ebda proċedura kriminali kontra tiegħu u fi żmien tlett ijiem minn dak in-nhar li jkun laqa' għandu, xtara jew indaħal fix-xiri, fil-bejgħ jew fit-tmexxija tal-ħaġa, jagħti f'idejn l-awtorita` kompetenti dik il-ħaġa u jikxef l-awturi tar-reat;

Effettivament l-ewwel Qorti astjeniet milli tapplika l-piena billi ddeċidiet li l-imputat kien jikkwalifika għall-benefiċċju ta'

eżenzjoni mill-piena a tenur tal-*proviso* ta' l-artikolu 334 fuq imsemmi u dan billi, fi kliem dik il-Qorti: "beda jikkoopera u jassisti bis-sħiħ lill-Pulizija fl-investigazzjonijiet tagħhom, ipprovdihom bid-dettalji kollha a konoxxenza tiegħu u indika biċ-ċar sa fejn seta', l-allegati awturi tar-reat jew almenu l-persuni mingħand min akkwista l-oġġetti misruqa";

Relattivament għall-eċċezzjoni ta' inappellabilita' ssollevata minnu, l-appellat jissottometti li l-appell interpost mill-Avukat Ġenerali jirrigwarda l-fatt jekk l-istess appellat kienx aġixxa b'mod tali li jintitolah għall-eżenzjoni mill-piena sanzjonata fil-*proviso* ta' l-artikolu 334. Għalhekk, jissottometti l-appellat, dak l-appell huwa fuq punt ta' fatt u ma jinkwadra ruħu taħt ebda waħda mill-ipotesijiet preskritti mil-liġi fl-artikolu 413 tal-Kodiċi Kriminali li fihom u fihom biss, l-Avukat Ġenerali jista' jappella;

Fir-rikors tiegħu l-Avukat Ġenerali jiddikjara li qiegħed jappella ai termini ta' l-artikolu 413(1)(b)(iii) tal-Kodiċi Kriminali. Dan jagħti lill-Avukat Ġenerali dritt ta' appell meta l-piena mogħtija mill-Qorti Inferjuri, fix-xorta jew fil-kobor tagħha, ma tkunx dik ikkontemplata mil-liġi għar-reat li fuqu l-ikkundanat ikun ġie misjub ħati;

Il-fatti li fuqhom l-ewwel Qorti bbażat l-applikazzjoni tal-*proviso* in kwistjoni huma, fi kliem l-istess Qorti, dawn; "Fil-każ in eżami jirriżulta definittivament li l-imputat laqa' għandu l-oġġetti misruqa fit-12 ta' Jannar, 1994 u illi, wara li dawn l-oġġetti ġew rintraċċjati mill-Pulizija, l-istess ġew meħudin mingħandu fl-14 ta' Jannar, 1994. L-imputat għalkemm inizjalment sostna li l-oġġetti misjubin għandu kienu tiegħu, fi ftit minuti wara li l-Pulizija sabu l-oġġetti għandu, beda jikkoopera u jassisti bis-sħiħ lill-Pulizija fl-

investigazzjonijiet tagħhom, ipprovdiħom bid-dettalji kollha a konoxxenza tiegħu u indika biċ-ċar sa fejn seta', l-allegati awturi tar-reat jew almenu l-persuni mingħand min akkwista l-oġġetti misruqa. Inoltre l-imputat mhux biss irrilaxxja stqarrija ffirmata lill-uffiċjali investigaturi, iżda f'inqas minn erbgħa u għoxrin siegħa wara s-sejba ta' l-oġġetti kkonferma l-istess stqarrija bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti";

L-appellant Avukat Ġenerali ma jikkontradixxix dawn il-fatti. Li jikkontradixxi hija l-konklużjoni li minn dawk il-fatti waslet għaliha l-ewwel Qorti, li kkonkludiet hekk: "L-aġir ta' l-imputat għalhekk jissodisfa r-rekwiżiti ta' l-imsemmi *proviso* fejn jirrigwarda l-informazzjoni dwar l-awturi tar-reat u ż-żmien li fih għandhom jiġu mikxufin ....";

Mill-premess jidher ċar li l-appell ta' l-Avukat Ġenerali mhuwiex fuq punti ta' fatt, iżda fuq l-interpretazzjoni mill-ewwel Qorti tal-*proviso* in kwistjoni, u l-applikazzjoni tiegħu għall-fatti inkontestati. Billi din l-applikazzjoni waslet biex l-imputat appellat ġie meħlus mill-piena u billi l-appellant jikkontesta l-istess applikazzjoni, allura l-appellant qiegħed ovvjament jappella *ai termini* ta' l-artikolu 413(1)(b)(iii) tal-Kodiċi Kriminali, kif ġa' ntqal. Dan l-appell għalhekk ammissibbli fil-liġi u l-eċċezzjoni in eżami mhix sostenibbli;

Tikkunsidra dwar il-meritu ta' l-appell illi:

L-aggravju ta' l-appellant Avukat Ġenerali jikkonsisti filli, kif jgħid hu, il-*proviso* fuq imsemmi ta' l-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali m'għandux jiġi applikat għal dan il-każ u għalhekk l-appellat ma kellux jiġi meħlus mill-piena a tenur ta' dak il-*proviso*;

Il-*proviso* in eżami huwa ċċitat fil-paragrafu 1 ta' din is-sentenza. Skond dan il-*proviso* ir-riċettatur li jikkonsenja l-oġġetti riċettati minnu u jikxef l-awturi tar-reat li minnu jkunu pprovenew dawk l-oġġetti u li dan jagħmlu qabel ma tkun tmexxiet kull proċedura kriminali kontra tiegħu u fi żmien tlett ijiem mid-data li fiha jkun irċevihom, jiġi meħlus mill-piena;

Il-fatti fil-każ odjern, anke kif irriżultaw lill-ewwel Qorti, kienu li l-imputat appellat kien laqa' għandu oġġetti li hu kien jaf li kienu provenjenti minn serq. Fil-kors ta' l-investigazzjoni l-Pulizija għamlet tfittxija fir-residenza tiegħu u hemm sabet xi wħud minn dawk l-oġġetti. Għall-ewwel l-imputat qal li kienu tiegħu, pero' wara ftit ammetta r-riċettazzjoni u svela lill-Pulizjia l-awturi tas-serq. Fi kliem l-ewwel Qorti: "Fil-kawża in eżami jirriżulta definittivament li l-imputat laqa' għandu l-oġġetti misruqa fit-12 ta' Jannar, 1994 u illi, wara li dawn l-oġġetti ġew rintraċċati mill-Pulizjia, l-istess ġew meħudin mingħandu fl-13 ta' Jannar, 1994. L-imputat, għalkemm inizjalment sostna li l-oġġetti misjubin għandu kienu tiegħu, fi ftit minuti wara li l-Pulzijia sabu l-oġġetti għandu, beda jikkoopera u jassisti bis-sħiħ lill-Pulizjia fl-investigazzjonijiet tagħhom, ipprovdihom bid-dettalji kollha a konoxxenza tiegħu u *indika biċ-ċar sa fejn seta', l-allegati awturi* tar-reat ....";

Jiġifieri mill-premess jirriżulta li l-oġġetti ma ġewx ikkonsenjati mill-imputat; ġew misjubin għandu mill-Pulizjia. Din il-konsenja, qabel ma jinbdew il-proċeduri, hija element essenzjali biex japplika l-*proviso* in kwistjoni u fin-nuqqas tagħha l-istess *proviso* ma jistax jiġi applikat fil-każ odjern;

Kwantu għall-piena, jirriżulta li l-valur ta' oġġetti misruqin li

nstabu għand l-imputat appellat ma kienx jammonta għal iżjed minn elf lira. Effettivament sabulu sett tat-*television* "Seleco" - tliet mitt lira, *Hi-Fi equipment* - tliet mitt lira, *video recorder* "National" - mitejn lira u żewġ *speakers* - ħamsin lira;

Relattivament ukoll għall-piena din il-Qorti tikkunsidra li l-appellat m'għandux kondotta preċedenti tajba, tant li darba minnhom ġie misjub ħati ta' serq aggravat ta' tliet *motor cycles*. Mill-banda l-oħra, in vista tal-fatt li kkoopera mal-Pulizija u indikalhom l-awturi tas-serq, sia pure wara li kien inqabad bl-oġġetti f'idejh, il-Qorti jidhrilha li l-provvediment infraskritt, rigwardanti l-piena, huwa opportun;

Għall-motivi premessi, wara li tiċħad l-eċċezzjoni ssollevata mill-appellat ta' l-inappellabilita` tas-sentenza appellata da parti ta' l-appellant, tilqa' l-appell u tirriforma dik is-sentenza billi tikkonfermaha in kwantu li biha l-appellat ġie misjub ħati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u tirrevokaha fil-bqija u minflok, wara li rat l-artikolu 334(a) u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lill-appellat tnax-il xahar priġunerija u tordna li skond l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali din is-sentenza m'għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk matul tliet snin mil-lum il-ħati jikkommetti reat li għalih hemm il-piena tal-priġunerija;

Tirriserva li tipprovdi fuq it-talba għall-kundanna tal-ħati biex iħallas l-ispejjeż tal-perizji fuq rikors appożitu tar-Reġistratur li jkun jindika dettaljatament dawk l-ispejjeż;

Il-Qorti fissret bi kliem ċar lill-ħati r-responsabilita` tiegħu

dwar l-għoti tas-sentenza sospiża.